MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 888/2010

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs**

**Carmel u Mary Therese sive Marthese mizzewgin Borg (karta ta’ l-identita` numru 367445 (M) u 84047 (M) rispettivament)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 ta’ Settembru, 2010, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi a bazi ta’ kuntratt datat it-28 t’Ottubru, 2004, u ta’ skrittura privata datata l-25 t’April, 2007, is-socjeta` rikorrenti kkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimati Borg fuq riferiti;

2. Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` rikorrenti hi kreditrici tal-intimati fl-ammont ta' hamsa u hamsin elf, disgha mija u dsatax –il Ewro u sitta u ghoxrin centezmu, (€55,919.26), bilanc ghad-debitu kontrattat, oltre l-imghax dovut mill-15 ta' Gunju, 2010, sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi l-intimati naqsu li jhallsu l-pagamenti minnhom dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq riferita;

4. Illi di piu`, jirrizultaw bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-intimati fuq riferiti li jipperikolaw il-possibilita` tal-hlas lura tad-debitu dovut;

5. Illi nonostante li l-intimati kienu debitament interpellati biex ihallsu d-dejn dovut izda baqghu inadempjenti u konsegwentement kellha tittiehed il-procedura odjerna;

6. Illi ghaldaqstant is-socjeta`rikorrenti qed titlob lil din il-qorti s-segwenti:

i. Illi tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq riferiti senjatament:

a. Illi l-intimati Borg naqsu li jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura privata;

b. Illi kienu wkoll inadempjenti fl-obbligi l-ohra minnhom hemm assunti;

c. Illi hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-intimati Borg li jipperikolaw il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu lis-socjeta` rikorrenti;

ii. Illi tikkundanna lill-intimati Borg ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hamsa u hamsin elf, disa' mija u dsatax –il Ewro u sitta u ghoxrin centezmu,

(€55,919.26), bilanc dovut ghad-debitu tal-intimati Borg mal-bank rikorrenti, flimkien mal-imghax dovut mill-15 ta' Gunju, 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

iii. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors promotur;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Borg datata t-12 t'Ottubru, 2010, li permezz taghha sintetikament wiegbu bil-mod segwenti:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sehhewx il-grajjiet li jiggustifikaw it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

2. Illi sussidjarjament il-Bank rikorrenti jrid jipprova l-ammont u imghaxijiet minnu reklamati;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-23 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex jisma' l-provi kollha;

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu l-qorti kif issa preseduta kienet infurmata li ma kien sar l-ebda progress fil-gbir tax-xhieda (ara fol 36);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li nonostante li l-intimati kellhom udjenza rizervata ghalihom biex iressqu l-provi taghhom dawn effettivament naqsu li jidhru fl-istess udjenza u dan, minghajr l-ebda gustifikazzjoni skont il-ligi;

Rat il-verbal taghha li tali assenza f'cirkostanzi in dizamina huma ekwivalenti ghal dikjarazzjoni li l-istess intimati m'ghandhomx provi x'jipproducu;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi s-self koncess lill-intimati Borg kien gie effettwat ghal negozju tal-ikel li l-istess intimati riedu jistabbilixxu bl-isem ta' "Trattoria Palazz", fil-Belt;

2. Illi s-self in dizamina nghata a bazi ta' kuntratt datat it-28 t'Ottubru, 2004, in atti tan-Nutar John Gambin, (ara fol 4 *et sequitur* u 47 *et sequitur*), u kienet tirrigwarda zewg (2) "*credit cards*" mahruga f'isem l-intimata Marthese Borg;

3. Illi kien hemm diversi tentattivi u laqghat bejn il-kontendenti odjerni biex il-bilanc dovut mill-intimati jigi mhallas, izda dawn l-isforzi rrizultaw kollha inutili;

4. Illi di piu`, nonostante assikurazzjonijiet innumerevoli li l-intimati kienu ser ihallsu l-ammont minnhom dovut lis-socjeta` rikorrenti, is-saldu tad-dejn dovut qatt ma sehh u l-ammont dovut hu dak indikat fir-rikors promotur, senjatament dak ta' hamsa u hamsin elf, disgha mija u dsatax –il Ewro u sitta u ghoxrin centezmu, (€55,919.26);

Ikkunsidrat:

Illi in konnessjoni mal-fatt li l-intimati naqsu li jgibu l-provi taghhom fir-rigward tal-pozizzjoni minnhom mehuda fir-risposta taghhom, u stante li l-asserzjonijiet tal-Bank rikorrenti huma kollha suffragati bid-dokumentazzjoni minnu pprezentata in atti, m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji t-talbiet rikorrenti stante li debitament ipprovati;

Ghaldaqstant, filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-intimati Borg, takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq riferiti, senjatament:

i. Illi l-intimati Borg naqsu li jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fil-kuntratt u skrittura privata fuq riferiti;

ii. Illi l-istess intimati Borg kienu inadempjenti fl-obbligi l-ohra minnhom hemm assunti;
iii. Illi hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-intimati Borg li jipperikolaw il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu lis-socjeta` rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimati Borg biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' hamsa u hamsin elf, disa' mija u dsatax –il Ewro u sitta u ghoxrin centezmu, (€55,919.26), bilanc dovut ghad-debitu tal-intimati Borg mas-socjeta` rikorrenti;

3. Bl-ispejjez kontra l-intimati Borg inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficcjali datata 11 ta' Marzu, 2010, u ghall-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur ta' din il-procedura, u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mill-15 ta' Gunju, 2010, sad-data tal-effettiv pagament.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------